**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU 2021**

**Kawża Numru: 22**

**Rik. Ġur. 265/2018 RGM**

**HSJ Limited**
**(C-80817)**

**vs.**
**S.I.T. Swimpool Innovation**
**Technologies Limited**
**(C-70874)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tas-soċjetà HSJ Limited** ippreżentat fit-22 ta' Marzu, 2018, li permezz tiegħu ppremetiet u talbet is-segwenti:

**A. Dikjarazzjoni u Raġuni għat-Talba**

1. Illi s-soċjetà rikorrenti kienet daħlet fi ftehim ta' appalt mas-soċjetà intimata, kopja ta' liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "**Dok. A**", u permezz ta' liema s-soċjetà intimata kellha teżegwixxi xogħlijiet ta' *finishing* (eskluż *plumbing* u elettriku) fil-fond magħruf bħala Klozet Club, mingħajr numru uffiċjali, Ball Street,

Paceville, San Ġiljan (il-"**fond**"), liema xogħlijiet huma dettaljati fil-*Bill of Quantities* anness mal-ftehim ta' appalt surreferit, u kopja ta' liema qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala "**Dok. B**";

2. Illi l-ftehim ta' appalt, ffirmat nhar it-tmintax (18) ta' Diċembru 2017, jistipula, fost affarjiet oħra, illi x-xogħlijiet kollha fil-fond kellhom jitwettqu u jitlestew mis-soċjetà intimata sat-tletin (30) ta' Jannar 2018. Il-partijiet qablu ukoll illi kemm-il darba ix-xogħlijiet ma jkunux tlestew sa dakinhar, tiskatta multa ta' sitt mitt Ewro (€600) kuljum – inkluż Ħdud u festi pubbliċi – minn wara din id-data bħala danni pre-likwidati favur is-soċjetà rikorrenti għad-dewmien fit-tlestija tal-istess xogħlijiet;

3. Illi il-partijiet qablu illi l-prezz totali ta' dawn ix-xogħlijiet kellu jkun ta' tmienja u erbgħin elf Ewro (€48,000), eskluża t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), liema ammont kellu jitħallas hekk:

a. Erbatax-il elf u erba' mitt Ewro (€14,400), u ċioé 30%, bħala depożitu fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt;

b. Tnax-il elf Ewro (€12,000), u ċioé 25%, ikunu dovuti hekk kif il-Perit Arkitett tas-soċjetà rikorrenti jiċċertifika bil-miktub illi ħamsin fil-mija (50%) tax-xogħlijiet ġew imwettqa skont is-sengħa u l-arti mis-soċjetà intimata;

c. Tnax-il elf Ewro (€12,000), u ċioe 25%, ikunu dovuti hekk kif il-Perit Arkitett tas-soċjetà rikorrenti jiċċertifika bil-miktub illi tmenin fil-mija (80%) tax-xogħlijiet ġew imwettqa skont is-sengħa u l-arti mis-soċjetà intimata;

d. Disat elef u sitt mitt Ewro (€9,600), u ċioé 20% (il-bilanċ rimanenti), ikunu dovuti hekk kif il-Perit Arkitett tas-soċjetà rikorrenti jiċċertifika bil-miktub illi x-xogħlijiet fil-fond huma kompluti skont is-sengħa u l-arti mis-soċjetà intimata;

4. Illi sussegwentement, u ċioé fl-għoxrin (20) ta' Jannar 2018, permezz ta' email mibgħuta mir-rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti – kopja ta' liema qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok. Ċ**" – intlaħaq ftehim ieħor bejn il-partijiet rigward ix-xogħlijiet ta' *plumbing* u elettriku li kellhom isiru mis-soċjetà intimata skont offerta

ossia *quotation* mibgħuta mill-istess soċjetà intimati, kopja ta' liema *quotation* qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata bħala "**Dok. D**";

5. Illi x-xogħlijiet ta' elettriku u *plumbing* kellhom isiru versu l-ħlas ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000), bil-modalità ta' ħlas – kif ukoll il-kundizzjonijiet kontrattwali l-oħra kollha – hekk kif stabbiliti fil-ftehim ta' appalt preċedenti ("**Dok. A**");

6. Illi wara l-ħlas tad-depożiti kif miftiehem, is-soċjetà intimata bdiet twettaq l-eżekuzzjoni ta' dawn il-żewġ kuntratti, iżda x-xogħlijiet kienu qed isiru b'ritmu ħafna aktar bil-mod minn dak li kien ġie miftiehem, u kien evidenti illi x-xogħlijiet ma kinux ser jitlestew sad-data stipulata, u ċioé t-30 ta' Jannar 2018;

7. Illi minkejja l-komunikazzjoni li kienet għaddejja bejn il-partijiet, fejn saħansitra s-soċjetà rikorrenti anke offriet li tipprovdi għajnuna addizzjonali lis-soċjetà intimata sabiex jiġi aċċertat illi x-xogħlijiet ikunu kompluti sad-data miftiehma;

8. Illi kienet saret ukoll laqgħa fil-fond nhar is-7 ta' Frar bejn il-partijiet u numru ta' persuni oħra involuti f'dawn ix-xogħlijiet, fejn ġie diskuss u maqbul pjan sabiex ix-xogħlijiet jitlestew fl-iqsar żmien possibbli. Madankollu, kien evidenti illi s-soċjetà intimata ma kinitx qed tadixxi ma' dak miftiehem, u li għalhekk il-pjan ta' ħidma għal darboħra ma kienx ser jiġi rispettat'

9. Illi s-soċjetà intimata qabdet u arbitrarjament waqfet milli teżegwixxi l-appalt lilha kummissjonat, u saħansitra abbandunat il-fond nhar it-tlettax (13) ta' Frar 2018, meta l-Perit tas-soċjetà rikorrenti kkonferma li l-istess soċjetà intimata ma kinitx qiegħda fil-fond, u baqgħet qatt iktar ma ressqet lejn il-fond;

10. Illi rinfaċċat b'din is-sitwazzjoni – u tenut kont tat-termini strettissimi li kellha sabiex ix-xogħlijiet fuq il-fond ikunu kompluti immedjatament – is-soċjetà rikorrenti ma kellhiex alternattiva għajr li tingaġġa s-servizzi ta' appaltatur ieħor sabiex ikompli u jlesti x-xogħlijiet kollha fil-fond mill-iktar fis possibbli;

11. Illi kien f'dan l-istadju ukoll fejn irriżulta illi xi xogħlijiet mwettqa mis-soċjetà intimata ma sarux skont is-sengħa u l-arti, u saħansitra anke sarrfu fi ħsarat kkawżati lill-proprjetajiet adjaċenti tal-fond tas-soċjetà rikorrenti;

12. Illi l-egħmil tas-soċjetà intimata kkawża preġudizzju ekonomiku u danni lis-soċjetà rikorrenti, u dan hekk kif ser jiġi pruvat fil-mori ta' din il-kawża;

13. Illi għalkemm interpellata sabiex jinstab rimedju u jiġu rimedjati d-danni sofferti, is-soċjetà intimata baqgħet inadempjenti;

14. Illi għalhekk, is-soċjetà rikorrenti kellha tiftaħ din il-kawża odjerna.

**B. Talbiet**

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq premessi, tgħid għalhekk is-soċjetà intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull ordni u dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvedimenti kollha opportuni u/jew meħtieġa fiċ-ċirkostanzi:

1. **TIDDIKJARA** illi s-soċjetà intimata naqset milli tħares il-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' appalt bejn il-partijiet datat it-18 ta' Diċembru 2018 kif ukoll il-ftehim sussegwenti dwar l-installazzjoni tas-sistemi ta' *plumbing* u elettriku skont il-*quotation* datata t-2 ta' Jannar 2018;

2. **TIDDIKJARA** illi s-soċjetà intimata hija responsabbli għall-ħsarat, id-danni u l-preġudizzju ekonomiku mġarrab mis-soċjetà rikorrenti b'konsegwenza tal-egħmil tas-soċjetà intimata;

3. **TILLIKWIDA** l-ħsarat, id-danni u l-preġudizzju ekonomiku mġarrab mis-soċjetà rikorrenti minħabba tali egħmil tas-soċjetà intimata, okkorrendo bl-opera ta' perit/i nominandi;

4. **TIKKUNDANNA** u **TORDNA** lis-soċjetà intimata sabiex tħallas il-ħsarat, id-danni u l-preġudizzju ekonomiku hekk likwidati lis-soċjetà rikorrenti.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk marbuta mal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Ref Nru 381/2018 akkordat nhar is-7 ta' Marzu 2018, u bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess soċjetà intimata, li qiegħda minn issa tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta' S.I.T. Swimpool Innovation Techologies Ltd** ippreżentata fis-26 t'April, 2018 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi preliminarjament, din il-kawza giet intavolata intempestivament stante illi s-socjeta\` intimata qatt ma giet interpellata sabiex thallas l-ammonti allegati mis-socjeta\` attrici u ghaldaqstant l-ispejjez ghandhom ikunu a kariga tas-socjeta\` attrici;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel talba tas-socjeta\` attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt anke ghaliex is-socjeta\` intimata ghamlet xogholijiet skont kuntratt t'appalt li gie modifikat sostanzjalment mir-rikorrenti u t-twettiq tieghu mxekkel mill-istess rikorrenti;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni talba tas-socjeta\` attrici hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi ma gew rekati l-ebda danni lis-socjeta\` rikorrenti. Fil-verita\`, kienet is-socjeta\` intimata illi soffriet danni meta s-socjeta\` rikorrenti naqset milli thallasha ghax-xogholijiet esegwiti u ghaldaqstant kienet kuntrattwalment inadempjenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet u r-raba' talba tas-socjeta\` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat illi s-soċjetà konvenuta ma resqitx provi;

Rat in-nota tal-Avukat Dr. Stefano Filletti tat-13 ta' Marzu 2020 li permezz tagħha rrinunzja mit-tkomplija tar-rappreżentanza legali tas-soċjetà konvenut peress illi tilef kull kuntatt mal-assistit tiegħu u ma setax jirregola ruħu fil-proċeduri odjerni;[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjetà attriċi ppreżentata fil-5 t'April 2021;[2]

Rat illi s-soċjetà konvenuta ma ppreżentat l-ebda nota ta' sottomissjonijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

Xehed permezz t'affidavit **Giuliano Cimmino**, Direttur tas-soċjetà attriċi. Jispjega li f'Ottubru 2017 il-Bord tad-diretturi tas-soċjetà attriċi approva "*the construction project of the restaurant HIMU St. Julians*"[3]. Kien għalhekk li bdew ifittxu kumpaniji li jistgħu jagħmlu x-xogħol meħtieġ u fost il-kumpaniji magħżula kien hemm is-soċjetà konvenuta, rappreżentata minn Marco Illuzzi. Ġie iffirmat kuntratt t'appalt fit-18 ta' Diċembru 2017 għax-xogħlijiet fit-total ta' tmienja u erbgħin elf ewro (€48,000) eskluż VAT. Ġie stabbilit li x-xogħol kellu jibda wara l-ħlas tal-ewwel depożitu u kellu jitlesta sal-31 ta' Jannar 2018 liema sussegwentement, bi ftehim verbali, ġie mġedded b'għaxart ijiem. Ix-xhud kompla hekk:

"*On the 21/12/2017 advance payment was done as per agreements with an invoice to S.I.T Lld on the 19/12/2017. On the same date it was verbally agreed that the work site set-up will begin in the days following the payment while the proper works will begin right after the Christmas holidays. During the holidays it was communicated to*

[1] Paġna 176 tal-proċess.
[2] Paġna 181 et seq tal-proċess.
[3] Paġna 56 tal-proċess.

*S.I.T Ltd that the project would undergo a slight modification concerning the masonry works, more precisely the toilet and the bathroom block would undergo some significant changes. On the 05/01/2018, Mr Illuzzi received an email from our Architect Albanese Nicodemus containing the files with the new arrangement and it was only on the same date that S.I.T. Ltd started the work site set-up and not on the 21/12/18, in which date it has received the deposit.*

*After the conclusion of the contract referred to above, on the 02/01/2018 the S.I.T has presented another offer precisely for electrical and plumbing installation works for a sum amounting to €25,000 plus VAT under the same conditions of the previous contract as specified in my confirmation email 20/01/2018 with subsequent advance payment on the 23/01/2018.*"[4]

Ikompli jgħid li ftit jiem wara li beda x-xogħol, il-Perit Nicodemo Albanese u Massimo Palumbo, *Business Developer* tas-soċjetà attriċi, issuġġerew lil Illuzzi sabiex iżid il-ħaddiema u dan għaliex skonthom ma kienx hemm biżżejjed ħaddiema. Spjega li fit-30 ta' Jannar 2018 huwa bagħat korrispondenza elettronika lis-soċjetà S.I.T sabiex tirsisti fix-xogħol tagħha kif ukoll iżżid il-ħaddiema u dan għaliex huma kienu jemmnu li x-xogħol kien għaddej bil-mod u mhux kif kien miftiehem. Jgħid li S.I.T. Ltd irrispondiet billi ġġustifikat id-dewmien tagħha minħabba xogħol ieħor. Ix-xhud jgħid li din il-ġustifikazzjoni ma ġietx aċċettata mis-soċjetà attriċi. Ix-xhud jgħid li fl-1 ta' Frar 2018, S.I.T bagħtitilhom żewġ fatturi sabiex isir il-ħlas tagħhom u dan għaliex skont Illuzzi kien sar 50% tax-xogħol. Cimmino jgħid li dawn il-fatturi ntbagħtu mingħajr ma l-ewwel sar awditjar konġunt mal-Perit tas-soċjetà tagħhom skont kif ġie stabbilit fil-kuntratt. Jgħid li fl-4 ta' Frar 2018, huwa bagħat *email* lil Illuzu jinformah li kien għamel ħlas parzjali tal-fatturi li kien bagħatlu fl-1 ta' Frar 2018 u sar ħlas parzjali għaliex skont ix-xhud minn testijiet li għamlu, ix-xogħol li kien sar ma kienx jikkonsisti f'50%. Fil-5 ta' Frar 2018 S.I.T ikkomunikat mas-soċjetà permezz ta' *email* fejn informatha li l-għada kellu jsir xogħol minn terz. Għalkemm dan it-terz fil-fatt għamel ix-xogħol li kellu jagħmel fis-6 ta' Frar 2018, is-soċjetà konvenuta però naqset milli s-segwi l-wegħdiet tagħha fuq kif kellu jsir ix-xogħol. Ix-xhud jgħid li huwa sejjaħ għal-laqgħa fis-7 ta' Frar 2018 sabiex (a) issir verifika tax-

[4] *ibid.*

xogħol li sar u (b) issir skeda ġdida tax-xogħlijiet. Din il-laqgħa saret u sar qbil kif kellu jsir ix-xogħol u li d-data l-ġdida li x-xogħol kellu jitlesta kienet it-12 ta' Frar 2018. Ix-xhud qal li Illuzzi wiegħed li d-data l-ġdida ser tiġi rispettata u li kien organizza *shifts* żejda ħalli x-xogħol jitlesta fil-ħin.

Cimmino kompla jgħid li fit-12 ta' Frar 2018 huwa fakkar lis-soċjetà konvenuta sabiex jagħmlu x-xogħol li kien sar qbil fuqu iżda dan ma seħħx. Fit-13 ta' Frar 2018, il-Perit Albanesse informahom li l-kumpanija S.I.T ma kinitx fuq il-post tax-xogħol. Ikompli jgħid li fl-istess ġurnata huma saru jafu b'korrispondenza elettronika mingħand Illuzzi, mingħajr pre-avviż jew spjegazzjoni, li kienu waqfu mix-xogħlijiet. Wara din l-aħbar, ix-xhud qal, li huma kellhom ifittxu malajr lil xi ħadd ieħor biex ikompli x-xogħol u dan għaliex kienet diġà ġiet iffissata data għal avveniment fit-23 ta' Frar 2018. Għal dan l-avveniment kien hemm nies distinti u investituri mistiedna. Ix-xhud jgħid ukoll li kien sar ħlas mis-soċjetà attriċi ta' titjiriet u akkomodazzjoni u għalhekk ma setgħux jipposponu dan l-avveniment. Jgħid li x-xogħol sar minn Sicilia Construction Ltd rappreżentata minn Francesco Guzzardi għal prezz ta' €70,000.

L-avveniment ta' ftuħ tat-23 ta' Frar 2018 u dak li kien hemm skedata fl-24 ta' Frar 2018, kellhom jiġu kanċellati peress li kien hemm perkulazzjoni tal-ilma fil-fond ta' taħthom. Ix-xhud jgħid li huma riedu jintervjeni b'mod immedjat u kienu kostretti jagħmlu ix-xogħol ta' *plumbing* mill-ġdid għaliex kien impossibbli li jiġi intraċċat fejn kienet il-ħsara. Ix-xhud jgħid li l-Perit kien ħaseb għal sistema ta' *floating mount* iżda minħabba raġunijiet attribwiti max-xogħol tas-soċjetà konvenuta din is-sistema qatt ma saret.

In oltre, ix-xhud jgħid li kienet is-soċjetà attriċi li ħallset lil Andrew Vassallo Ltd tax-xogħol li saret minn dik il-kumpanija u mhux mis-soċjetà konvenuta. Jgħid ukoll li s-soċjetà attriċi daħlet f'aktar spejjeż minħabba l-atteġġjament tas-soċjetà konvenuta, bħal eżempju l-fatt li l-Perit żar il-post ta' kostruzzjoni aktar frekwenti b'konsegwenza li kellhom jitħallsu l-ispejjeż tat-titjiriet u akkomodazzjoni, ma setgħux jinnegozjaw mal-kumpanija li kompliet ix-xogħol wara S.I.T peress li kienu kostretti biż-żmien kif ukoll spejjeż għat-taħriġ tal-koki.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

Din hija azzjoni għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni, ħsarat u preġudizzju ekonomiku li allegatament sofriet is-soċjetà attriċi b'riżultat ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali fiż-żmien miftiehem mis-soċjetà konvenuta fejn l-obbligi kuntrattwali kienu dawk t'appalt.

In tema legali, il-prinċipji legali t'appalt ġew elenkati mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fis-sentenza **Pierre Darmanin vs. Moira Agius et** (App Ċiv 323/2002 PS) deċiża fis-6 t'Ottubru 2004:

> "(1) Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).
> (2) "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972).
> (3) Dan hu hekk avvolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte" (Kollez Vol XXV pI p727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent" (Kollez. Vol XLII pII p1003).

(4) Huwa pacifiku ukoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Kollez. Vol XLI pII p892);

(5) Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti, kif certament hu l-kaz in ispecje, l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt" (Kollez. Vol XXXVIII pI p292).

(6) Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2))."

Fil-każ in eżami, is-soċjetà attriċi tikkontendi illi s-soċjetà konvenuta bdiet teżegwixxi l-inkarigu mogħti lilha - dan mhux ikkontestat mis-soċjetà konvenuta tant li fit-tieni eċċezzjoni tagħha tisħaq li hija għamlet ix-xogħlijiet skont il-kuntratt t'appalt - ġara però li fit-13 ta' Frar 2018 is-soċjetà konvenuta unilateralment itterminat il-kuntratt t'appalt u waqfet milli tibgħat il-ħaddiema tagħha sabiex jikkonkludu x-xogħlijiet skont il-kuntratti tat-18 ta' Diċembru 2017 u tal-20 ta' Jannar 2018.

Mill-atti, b'mod partikolari mill-korrispondenza elettronika ippreżentata, jidher ferm ċar li s-soċjetà konvenuta naqset milli taderixxi mal-ftehim t'appalt li kien hemm fis-seħħ bejn il-partijiet u għalhekk milli teżegwixxi bi sħiħ ix-xogħol miftiehem.

Il-prinċipji *pacta sunt servanda* u *buona fede* li huma neċessarji fl-eżekuzzjoni ta' kuntratt, iqiegħdu lis-soċjetà konvenuta f'nuqqas li mhux skużabbli jew ġustifikabbli. Kif enunċjat ben tajjeb il-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fil-kawża **Gloria Beacom et vs. L-Arkitett u Inġinier Ċivili Anthony Spiteri Staines** deċiża fil-5 ta' Ottubru 1998, "il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa'dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda".

Ta' relevanza wkoll huwa dak li jgħid il-ġurista Giorgi fuq it-tema ta' kuntratti meta jipsjega li "*quando le parti contraenti abbiano eseguito una convenzione, il modo con cui l'hanno attuata chiarisce la loro volonte, la convenzione deve eseguirsi nel modo medesimo anche nel rimanente e per l'avvenire*"[5].

In vista tas-suespost, din il-Qorti hija konvinta li l-fatt li s-soċjetà konvenuta bdiet twettaq ix-xogħlijiet fuq is-sit proprjetà tas-soċjetà attriċi, jixhed li indubbjament kien hemm fis-seħħ kuntratt t'appalt bejn il-partijiet li s-soċjeta' konvenuta bdiet teżegwixxi iżda li waqfet milli tikkompleta mingħajr ebda raġuni valida. Dan il-fatt fih innifsu jwassal għall-konklużjoni li s-soċjetà konvenuta għandha tagħmel tajjeb għad-danni ikkawżati mill-inadempjiment kuntrattwali tagħha.

Ikkunsidrat;

In-nuqqas ta' eżekuzzjoni t'obbligazzjoni kuntrattwali iġġib magħha l-konsegwenzi u ċioe li min jonqos li jwettaq li jkun intrabat għalih irid jagħmel tajjeb għad-danni u ħsarat li tkun ġarrbet il-parti li magħha tkun intrabtet (**Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili**).

**Artikolu 1127 tal-Kapitolu 16** jipprovdi li meta parti jkun intrabat li jwettaq xi ħaġa u ma jispiċċahiex, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jingħata s-setgħa li jwettaq hu a spejjeż tad-debitur tal-obbligazzjoni. Il-ġurisprudenza tgħallimna wkoll li l-kreditur tal-obbligazzjoni jista' wkoll jisħaq mad-debitur tal-obbligazzjoni li jwettaq dak li nrabat li jagħmel[6] u jekk dik l-obbligazzjoni ma tkunx tista' ssir aktar, il-kreditur tal-obbligazzjoni jista' jitlob il-ħlas tad-danni mġarrba minħabba dak in-nuqqas[7].
Dwar il-ħlas ta' danni l-**Artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li "d-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur huma, b'mod ġenerali, għat-telf li jkun bata' u l-qligħ li jkun ġie mtellef." Irid jingħad li l-għan għall-ħlas ta' danni jrid ikun dak li jagħmel tajjeb għall-ħsara li l-parti kontraenti mġarrba turi li sofriet minħabba l-ksur

---

[5] *Obbligazzione,* Vol. IV para 182.
[6] **Carmelo Galea vs Emmanuele Calleja** (Kollez. Vol. XXXVI.ii.578) deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fit-13 ta' Diċembru 1952.
[7] **Fortunato Petroni vs Carmelo Petroni et** (Kollez. Vol. XXXV1.iii.629) deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fit-13 ta' Frar 1952.

kuntrattwali tal-parti l-oħra, u m'għandhomx ikunu għodda ta' kastig jew penali kontra dik il-parti inadempjenti u lanqas okkażjoni għall-parti mġarrba li jistagħna bi ħsara tal-parti inadempjenti.

Applikat dan l-insenjament għall-każ odjern, din il-Qorti tibda billi tqis li l-fatt li l-partijiet ma niżlux espressament fil-ftehim is-sanzjoni tal-ħlas ta' danni f'każ li x-xogħol ma jitwettaqx ma jfissirx li d-danni ma jistgħux jintalbu. Hija l-liġi stess taħt l-Artikolu 1125 tal-Kapitolu 16 li tipprovdi għal ħlas ta' danni meta l-obbligazzjoni ma tiġix eżegwita.

Bħal kull każ ieħor il-parti li tallega trid iġġib il-prova biex issostni l-allegazzjoni tagħha. Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat".* In oltre din il-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi biex tissostanzja l-allegazzjoni.

Il-fatt li f'dan il-każ is-socjetà konvenuta ma resqitx il-provi tagħha in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħha ma jfissirx b'daqshekk illi l-kejl tal-prova meħtieġa għandu jonqos. Il-grad tal-prova meħtieġa hija dik li tnissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant fuq bilanċ ta' probabilta'. Ifisser għalhekk li nonostante li s-soċjetà konvenuta ma resqitx il-provi u sottomissjonijiet tagħha, din il-Qorti hija xorta għandha teżamina l-provi mressqa u dan sabiex "tevalwa jeżistux c-cirkustanzi sabiex tigi pprovata kemm l-allegazzjoni tad-danni, kif ukoll l-estent taghhom, subiti da parti tas-socjetà attrici."[8] L-eżami għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa jekk is-soċjetà attriċi ssodisfatx l-oneru tal-prova tal-pretensjoni tagħha inkluż l-estent tad-danni minnha reklamati.

Ma' l-affidavit tiegħu, Giuliano Cimmino, Direttur tas-soċjetà attriċi, għemeż lista ta' danni li qiegħed jippretendi l-ħlas tagħhom li huma s-segwenti:-

[8] **Concorde Developments Ltd vs. B. Grima and Sons Ltd** (App Ċiv 572/2011) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Jannar 2017.

| **Fornitur** | **Somma mitlub mis-soċjetà konvenuta** | |
|---|---|---|
| Sicilian Construction | €120,000 | |
| Andrew Vassallo General Trading Ltd | €28,950 | |
| The Wholesaler | €9,089 | |
| Arch Nicodemo Albanese | €3,000 | |
| Giulinao Cimmino – Massimo Palumbo | €10,000 | |
| Gregori Nalon | €2,100 | |
| Maximiliano Genova | €6,000 | |
| Trasport | €5,000 | |
| Colourbars | €5,986 | |
| *Damage for loss of cash in* | €10,000 | - |
| **Total** | €200,125 | |

Il-Qorti tibda billi tosserva illi s-soċjeta' attriċi naqset serjament mill-oneru impost fuqha mil-liġi li tressaq l-aħjar prova sabiex tissostanzja l-pretensjonijiet tagħha. Analiżi tal-atti juri ħela ta'ħin esaġerat da parti tas-soċjeta' attriċi illi tiddikjara li beħsiebha tressaq provi li baqgħu qatt ma ġew imressqa.

Wara li fil-21 ta' Ġunju 2018 is-soċjeta' attriċi ppreżentat affidavit ta' Giuliano Cimmino anness miegħu numru ta' dokumenti; baqgħet ma resqet l-ebda provi oħra nonostante diversi dikjarazzjoni da parti tal-legali tagħha, sew quddiem il-Qorti kif ukoll quddiem l-assistent ġudizzjarju illi kienet qed tipprepara numru ta' affidavits.

Fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2018 intiża sabiex jixhed il-Perit Nicodemo Albanese, il-Qorti ġiet informata li dan ma deherx għas-seduta peress li kien jitkellem biss bit-Taljan u li s-soċjeta' attriċi ma rnexxiliex tinkariga traduttur; dan meta l-kawża kienet ilha differita għall-provi tas-soċjeta' attriċi minn Ġunju 2018. Bl-iskop li jiġi irkuprat

il-ħin mitluf il-Qorti innominat assistent ġudizzjarju sabiex jiġbor il-provi. Sa Jannar 2019 ma sar xejn u għalhekk fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2019 il-Qorti tat lis-soċjeta' attriċi xahar żmien sabiex tippreżenta l-provi b'affidavit. Is-soċjeta' attriċi injorat dan it-terminu u f'seduta miżmuma mill-assistent ġudizzjarju fis-16 ta' April 2019 il-legali tas-soċjeta' attriċi iddikjara li "l-affidavits ... jinsabu kwazi lesti u ser jinħallfu fil-jiem li ġejjin." F'seduta oħra miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju fil-15 ta' Mejju 2019 il-legali tas-soċjeta' attriċi iddikjara "li affidavits ohra jinsabu kwazi lesti u ser jigu prezentati direttament fir-registru tal-Qorti."

F'seduta miżmuma quddiem l-assistent ġudizzjarju fis-26 ta' Settembru 2019 il-legali tas-soċjeta' konvenuta informa li kien sab diffikulta' jikkomunika mal-patroċinati tiegħu u għalhekk ma kienx f'posizzjoni li jsejjaħ lil Marco Illuzzi rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta sabiex jixhex fuq talba tas-soċjeta' attriċi. Il-legali tas-soċjeta' attriċi jerġa għal darb' oħra jiddikjara illi "fil-frattemp ser ikunu qed jitlestew xi affidavits oħra ta' xhieda oħra tal-kumpanija attriċi fosthom ta' rapprezentant tal-istess kumpanija Massimo Palumbo u Perit li kien inkarigat mill-progett cioe' Nicodemo Albanese."

Fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 2019 ġie verbalizzat illi nonostante l-isforzi kontinwi da parti tal-assistent ġudizzjarju sabiex isir progress fil-ġbir tal-provi, progress ma kienx sar fir-rigward u kien għalhekk illi l-Qorti awtorizzat lill-assistent ġudizzjarju sabiex jisma' t-testimonjanzi tax-xhieda li jirrisjed fl-esteru bil-mezz ta' video conference. L-affidavits imwegħda da parti tas-soċjeta' attriċi baqgħu ma ġewx preżentati,
Fl-udjenza tas-6 ta' Frar 2020 ma deher ħadd mill-partijiet u l-avukati tagħhom u kien għalhekk li l-Qorti irrevokat l-inkarigu tal-assistent ġudizzjarju u ordnat li għall-udjenza sussegwenti jidhru rappreżentanti tal-partijiet u l-avukati rispettivi tagħhom. Wara żewġ differimenti minħabba l-pandemija, fl-udjenza tal-21 ta' Ottubru 2020 il-legali tas-soċjeta' attriċi iddikjara illi kull ma kien jonqsu iressaq kien prospett tad-danni reklamati permezz ta' nota ġuramentata. Ma semma xejn aktar dwar affidavits tal-perit inkarigat mis-soċjeta' attriċi u affidavits oħra li baqgħu ma ġewx ippreżentanti. Għalhekk f'dik l-udjenza il-Qorti tat lis-soċjeta' attriċi xahar żmien sabiex tippreżenta nota ġuramentata bi prospett dwar id-danni reklamati. Pero' anke dan it-terminu ġie injorat.

Fl-udjenza tas-17 ta' Frar 2021 is-soċjeta' attriċi ma għamlet l-ebda talba filwaqt li ma deher ħadd għas-soċjeta' attriċi li suppost kellha tibda tressaq il-provi tagħha. Kien għalhekk li l-Qorti iddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluq u tat lill-partijiet terminu għal noti ta' sottomissjonijiet. Is-soċjeta' attriċi ppreżentat in-nota ta' sottomissjonijiet tagħha filwaqt li s-soċjeta' konvenuta ma ppreżentatx.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjeta' attriċi tgħid hekk fir-rigward tad-danni reklamati:

"Illi permezz tal-affidavit tas-Sur Giuliano Cimmino, rappreżentant u direttur tas-soċjeta' esponenti, is-soċjta' esponenti tat rendikont ċar tad-danni u ħsarat ili hija qiegħda tipprospetta, liema somma tammonta għal mitejn elf, mija u ħamsa u għoxrin ewro (€200,135)".

Tkompli tissottometti illi d-dokumenti eżebiti jikkonfermaw l-ispejjeż li kellha tinkorri sabiex tirrimedja x-xogħol ħażin u/jew mhux komplut tas-soċjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat;

Fir-rigward ta' Sicilian Construction Ltd, is-soċjetà attriċi qed tippretendi li titħallas mingħand is-soċjeta' konvenuta s-somma ta' €120,000 filwaqt li ippreżentat fattura waħda b'total ta' €92,040.[9] Is-Sur Cimmino jgħid li peress li s-soċjetà attriċi kienet għadha sa dak l-istadju ma ħallsietx l-ammont kollu, huwa kien biss fil-pussess ta' fattura li tkopri l-ispejjeż li kienu tħallsu.

Huwa evidenti li s-soċjeta' attriċi ma ħaditx dawn il-proċeduri bis-serjeta' li jistħoqqilhom. Tallega illi ħallset is-somma ta' €78,000 iżda ma tressaq l-ebda prova dwar kif sar dan il-ħlas u meta. Jekk verament sar dan il-ħlas, l-anqas li setgħat tagħmel is-soċjeta' attriċi kien li tippreżenta l-irċevuta fiskali relattiva jew almenu prova oħra konkreta li turi tali ħlas. Xejn minn dan. Mhux biss talli f'invoice ta' €78,000 ma hemmx breakdown tax-xogħolijiet li suppost kellhom isiru. Jingħad biss

[9] Paġna 149 tal-proċess.

"Lavori di rifinizioni per completamento locale HIMU zona Paceville, St Julians" u mas-somma ta' €78,000 żdiedet is-somma ta' €14,040 VAT, b'total ta' €92,040.

Huwa inspjegabbli kif is-soċjeta' attriċi wara xhur u snin tiddikjara ripetutament li ser tressaq bħala xhud lill-perit tal-proġett, iddeċidiet li ma tressaq l-ebda prova fir-rigward tax-xogħolijiet li suppost għamlet is-soċjeta' Sicilian Construction Ltd.

L-oneru tal-aħjar prova kien unikament fuq is-soċjeta' attriċi u n-nuqqas ta' tali prova jwassal lill-Qorti tiddikjara illi fir-rigward ma tresqux provi sodisfaċenti.

L-istess jista' jingħad fir-rigward tat-talbiet attriċi l-oħra. Is-soċjeta' attriċi tagħmel l-iżball kardinali illi għaliha donnu d-danni li għandha dritt tirreklama mingħand is-soċjeta' konvenuta minħabba inadempjenza huwa l-ammonti kollha li kellha tħallas sabiex jiġi kompletat ix-xogħol li s-soċjeta' konvenuta ma għamlitx. Kien ikollha raġun tressaq tali pretensjoni s-soċjetga' attriċi li kieku l-provi kienu juri li s-soċjeta' attriċi laħqet ħallset il-prezz kollu pattwit lis-soċjeta' konvenuta. Iżda l-provi juri li l-fatti ma kienux hekk.

Meta si tratta ta' każ bħal dak odjern l-attur għandu dritt mhux jitħallas dak kollu li jkun kostrett iħallas lil terzi sabiex jikkompletaw ix-xogħol; iżda d-differenza żejda li jkun ġie kostrett iħallas aktar minn dak pattwit mal-konvenut sabiex isir l-istess xogħol minn ħaddieħor.

Din il-prova s-soċjeta attriċi ma għamlitiex. Kien jispetta lis-soċjeta' attriċi turi u tipprova fl-ewwel lok x'kien l-ammont li kien ikun dovut kieku x-xogħol għamlitu s-soċjeta' konvenuta u fit-tieni lok x'kien l-ammont li għall-istess xogħol is-soċjeta' attriċi ħallset sabiex ġie kompletat minn ħaddieħor. Id-danni kienu jkunu d-differenza bejn it-tnejn.

Minn dan kollu ma sar xejn. Is-soċjeta' attriċi kellha kull opportunita' sabiex almenu tressaq lill-perit tekniku tagħha sabiex jispjega dan l-aspett tekniku tal-vertenza, il-qofol prattikament tal-kawża, iżda inspjegabbilment naqset f'dan ir-rigward.

Il-Qorti hija fl-impossibilita' li tagħmel dan l-eżerċizzju għaliex is-soċjeta' attriċi naqset milli ġġib il-provi dwar kemm ix-xogħol mankanti da parti tas-soċjeta' konvenuta kien ser jiswa kieku għamlitu s-soċjeta' konvenuta u kemm verament ġie jiswa una volta eżegwit minn terzi.

Dan l-oneru s-soċjeta' attriċi setgħat faċilment tonorah kieku resqet bħala xhud almenu lill-perit tekniku tagħha sabiex jagħti valur individwali għad-diversi xogħlijiet indikati fil-fattura tal-14 ta' Diċembrui 2017 (fol. 60) u fil-fattura tat-2 ta' Jannar 2018 (fol. 74). Setgħat ukoll titlob in-nomina ta' espert tal-qorti. Pero' minn dan kollu għażlet li ma tagħmel xejn u għalhekk il-Qorti mhiex f'posizzjoni li tillikwida d-danni pretiżi mis-soċjeta' attriċi għaliex sew il-kuntratti ta' appalt ta' bejn il-partijiet kif ukoll il-fattura tat-terz li spiċċa x-xogħolijiet mhux magħmula mis-soċjeta' konvenuta jistiplulaw somma waħda globali għal diversi xogħlijiet mingħajr spjegazzjoni ta' kull partita xogħol kemm kien il-prezz tagħha liema xogħolijiet kif rajna uħud minnhom ġew eżegwiti mis-soċjeta' konvenuta u uħud le.

Una volta pero' li s-soċjeta' attriċi ippruvat sodisfaċentement illi s-soċjeta' konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tagħha, il-Qorti ser tillikwida *arbitrio boni viri* d-danni konsegwenzjali sofferti mis-soċjeta' attriċi fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000).

**Penali**.

Fin-nota ta' sottomissjoniijiet tagħha s-soċjeta' attriċi ssemmi li għandha pretensjoni għall-penali imsejsa fuq **klawsola 1.4 tal-appalt**.[10]

Din il-klawsola taqra kif ġej:

> *"The Contractor warrants and undertakes that it has, and shall at all times have sufficient resources and shall take all necessary actions, including overtime work and increases in manpower, to complete the Works within the Completion Date. Should the Contractor fail to complete the Works within the Completion*

[10] A tergo paġna 7 tal-proċess

> *Date, the Contractor shall pay to the Employer pre-liquidated damages in the amount of six hundred Euro (€600) for every day of delay, inclusive of Sundays and public holidays, which pre-liquidated damages shall be without prejudice and in addition to any other rights and/or remedies which may be available to the Employer at law or under this Contract".*

F'dan ir-rigward irid jingħad li klawsola għall-ħlas ta' penali hija għamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jeħles mill-obbligu li jipprova li ġarrab ħsara, għaliex jistrieħ biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-ħin dak li mal-parti l-oħra jkun intrabat li jagħmel (**Artikolu 1120 (1) tal-Kodiċi Ċivili**).

In oltre, a tenur tal-**Artikolu 1130 tal-Kodiċi Ċivili** fejn il-klawsola għal ħlas ta' penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni.

**Kap. 16**

**Artikolu 1118.**

Il-klawsola penali hija dik li biha wieħed, sabiex jiżgura l-esekuzzjoni ta' ftehim, jobbliga ruħu għal xi ħaġa fil-każ li jonqos li jesegwih

**Artikolu 1120**.

(1) Il-penali hija l-kumpens tal-ħsara li jbati l-kreditur minħabba n-nuqqas tal-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali.

(2) Il-kreditur jista' jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni prinċipali minflok ma jitlob il-penali li fiha jkun waqa' d-debitur.

(3) Hu ma jistax jitlob il-ħaġa prinċipali u l-penali flimkien,ħlief meta l-penali tkun ġiet miftiehma għad-dewmien biss.

**Artikolu 1130.**

Fejn il-klawsola għall-ħlas ta' penali tkun ġiet miftehma minħabba d-dewmien, l-effetti tagħha għandhom jibdew iseħħu minn dak inhar li tgħaddi d-data miftehma għat-twettiq tal-obbligazzjoni.

In kwantu għall-ħlas ta' penali li tkun ġiet pattwita għad-dewmien biss ingħad illi l-kreditur ma jistax jitlob il-ħaga prinċipali u l-penali flimkien, ħlief meta l-penali tkun giet miftehma għad-dewmien biss.(**Geraldo Vella v. Avv. Dr. Joseph Fenech Adami noe,** PA, 5 t' Ottubru 1957).
Il-klawsola dwar il-penali pattwita bejn il-partijiet tistipula danni pre-likwidati.

Għalhekk una volta s-soċjeta' attriċi għażlet li tintavola kawża għad-danni kontrattwali ma tistax ukoll fl-istess ħin titlob il-penali patwiti għad-danni pre-likwidati.

Fil-fatt mill-atti jirriżulta illi fir-rikors promotur ma saret l-ebda talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' penali iżda biss talbiet fir-rigward ta' "ħsarat, danni u preġudizzju ekonomiku mġarrab mis-soċjeta' rikorrenti b'konsegwenza tal-egħmil tas-soċjeta' intimate". Huwa evidenti illi tali talba ma tinkorporax talba għal-likwidazzjoni u ħlas ta' penali.

Għaldaqstant il-Qorti ma tistax tikkonsidra talbiet li ma humiex inkorporati fir-rikors promotur.

**Decide**

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-soċjetà konvenuta naqset milli tħares il-kundizzjonijiet tal-ftehim tat-18 ta' Diċembru 2017 u tat-2 ta' Jannar 2018;

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija responsabbli għad-danni u ħsarat mġarrba mis-soċjetà attriċi;

3. Tilqa' parzjalment it-tielet talba u *arbitrio boni viri* tillikwida d-danni fis-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000);

4. Tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000); bl-imgħax legali millum sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
28 ta' Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**